IL-MUNXAR

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Munxar**

**IS-SEBA' LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 65-2019(29_03_19)**

**29 ta' Marzu 2019**

Il-Kunsill Lokali Il-Munxar iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Kunsill Lokali Il-Munxar, Triq il-Profs. Ġużè Aquilina, Il-Munxar MXR 1012, Għawdex fil-5.30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Is-Sa Sonja Abela - Sindku
Is-Sinjura Juliet Rose Attard - Viċi Sindku
Is-Sur Damien Spiteri - Kunsillier
Is-Sur Joseph Cauchi - Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Is-Sur Paul Curmi - Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Is-Sur Anthony Grech - Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Il-laqgħa tmexxiet mis-Sindku, is-Sa Sonja Abela.

**Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

Is-Sur Paul Curmi ma għamilx kuntatt mal-Kunsill u wisq probabbli li ser jittardja fuq xogħol. Huwa ġie skużat.

Is-Sindku talbet sabiex il-Kunsill jibda l-laqgħa billi jiddiskuti *item* 65.4

**65.4 Impjieg ta' skrivan/a full-time**

65.4.1 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li kienu applikaw żewġ persuni u issa jmiss li jsiru l-intervisti. Ġie deċiż li l-intervisti jsiru nhar il-Ħamis, 4 ta' April 2019 fil-5:30 ta' filgħaxija.

65.4.2 Is-Sindku ppreżentat is-*CV* tal-persuna li qiegħda bl-iskema Community Workers Scheme Enterprise Foundation u ser tibda minn nhar it-Tnejn, 1 ta' April 2019 bħala *receptionist*/messaġġiera. Kien hemm qbil dwar dan.

**65.1 Kisi ta' parti minn Triq iż-Żirżieb, Ix-Xlendi**

65.1.1 Fis-7 ta' Marzu 2019, ġie ffirmat kuntratt bejn il-Kunsill u l-Ministeru għal Għawdex fejn ser jagħti s-somma ta' €18,000. Il-*Bill of Quantities* tal-perit tammonta għal €32,903.12. Is-Sindku infurmat lill-Kunsill li għandha konferma mingħand il-Ministru għal Għawdex li d-differenza ser tingħata meta jitlesta x-xogħol. Il-proċess beda fl-istess ġurnata li sar il-kuntratt billi ntbagħtu *e-mails* lill-Water Services Corporation u l-Perit tal-Kunsill. Qabel ma tinħareġ is-sejħa għall-offerti jridu jsiru l-livelli u l-*alignment* tat-triq peress li din hi triq li ser tiġi asfaltata l-ewwel darba.
Is-Sindku tkellmet ukoll dwar il-moll tax-Xlendi u dwar xi tiswijiet u *improvements* fl-aċċess għall-moll.
Dwar l-ilment li vetturi qed jipparkjaw quddiem *garage* fi Triq San Xmun, is-soluzzjoni hija li titpoġġa qasrija għaliex jekk tintmess il-bankina jkun hemm il-possibilità li jidħol l-ilma. Fi Triq il-Qsajjem ser isir xi *patching* mill-Ministeru għal Għawdex.

**65.2 Kisi ta' Triq Munxar bit-tarmak**

65.2.1 Il-kuntrattur iffirma l-kuntratt. Diġà għamel il-garanzija. Meta ffirma l-kuntratt, il-kuntrattur kiteb li '*Date of commencement and finishing of works are to be agreed upon*'. Issa f'din il-laqgħa jmiss li niddiskutu dwar talbiet li saru mir-residenti ta' din it-triq. Fost it-talbiet li saru kien hemm dwar il-livelli tat-triq minħabba li l-ilma qed jidħol f'residenzi privati, katusa sabiex jidħol l-ilma fil-bir u twaħħil ta' sifjun għad-drenaġġ. Sar suġġeriment sabiex it-toqob tal-arbli jsirulhom tappijiet tal-ħadid fondut. Dawn it-talbiet ser jgħaddu lill-Perit Robert Grech.

**65.3 L-Attività *Gozo Alive* 05-05-2019**

65.3.1 Il-Kunsill kien applika sabiex jieħu sehem b'attività fil-Gozo Alive 2019. Din l-attività ġiet aċċettata u l-Ministeru għal Għawdex ser iħallas €2,000 u l-Kunsill ser iħallas €1,000. Din ser tkun bl-isem ta' Festa Familja u ser tkun fil-5 ta' Mejju 2019 bejn l-10:30 ta' filgħodu u n-nofs siegħa. Ser issir fi Ġnien il-Professur Ġużè Aquilina u ser ikun hemm tisjir ta' numru ta' platti tradizzjonali flimkien ma' ikel tipiku Malti. Dawk preżenti ser ikunu jistgħu jipparteċipaw fit-tisjir u jduqu l-ikel ippreparat. Ser ikun hemm ukoll sessjoni għal talent lokali. Is-Segretarju Eżekuttiv ser jiġbor il-kwotazzjonijiet sabiex jiġu ppreżentati fil-laqgħa li jmiss.

**65.5 Il-Festa ta' San Pawl Nawfragu 2019**

65.5.1 Din is-sena l-festa tar-raħal ser tiġi ċċelebrata fis-26 ta' Mejju 2019. Il-Kunsill applika f'isem l-Għaqdiet tal-lokalità fl-iskema *Cultural Events Fund* għall-attività li ser issir fil-25 ta' Mejju 2019. L-istima ta' din l-attività hija ta' €25,000.

**65.6 Fondi tal-EU għal restawr tat-Torri tax-Xlendi (ERDF.PA5.0120)**

65.6.1 Bħalissa l-Kunsill qed jistenna mingħand il-kuntrattur li ġie *awarded* bil-kuntratt sabiex jippreżenta l-garanzija u kopja tal-*insurance* sabiex niffirmaw il-kuntratt. L-*objection period* kien sal-15 ta' Marzu 2019.

65.6.2 Is-Segretarju Eżekuttiv irrefera għas-sejħa ta' proġetti minn fondi tal-Unjoni Ewropea *Landscaping* 4.4. F'din, il-Kunsill jista' japplika għall-bini ta' ħitan tas-sejjieħ. Għaldaqstant, ġie deċiż li l-Kunsill japplika għall-ħitan ta' Triq ix-Xatba. Il-perit ġie kkuntattjat u ngħata l-proċedura li trid issir min-naħa tiegħu biex inkunu nistgħu napplikaw.

**65.7 Proposta ta' ġemellaġġ**

65.7.1 Is-Sindku u l-Viċi Sindku żaru l-belt ta' Caltagirone fuq stedina tas-Sindku tal-belt u ltaqgħu miegħu u ma' uffiċjali oħra. Min-naħa tagħhom talbu *video* fuq Il-Munxar u Ix-Xlendi bis-*subtitles* bit-Taljan u riedu wkoll *video* dwar Għawdex. Bgħatnielhom kollox u issa qed nistennew mingħandhom. Huma interessati ħafna dwar is-*Ceramics Festival*.

**65.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv**

65.8.1 Is-Sur Mark Busuttil – *Chairperson* tal-Kumitat Amministrattiv Ix-Xlendi semma li issa peress li daqt jasal is-sajf huwa importanti li jsir dak ix-xogħol ta' manutenzjoni li jsir kull sena. Jerġgħu jitwaħħlu s-slielem u jsiru *bins* adekwati. Huwa faħħar ix-xogħlijiet li nbdew mill-Ministeru għal Għawdex sabiex ikun jista' jitwettaq il-*Masterplan* tax-Xlendi.

**65.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda tal-ħlasijiet**

65.9.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-Iskeda tal-Ħlasijiet numru 65-2019(29_03_19) li tkopri l-perjodu mill-21 ta' Frar 2019 sas-27 ta' Marzu 2019 għall-ammont totali ta' €18,634.05 għall-kunsiderazzjoni u approvazzjoni. Il-Proponent kien is-Sur Joseph Cauchi - Kunsillier u s-Sekondat kien is-Sur Damien Spiteri - Kunsillier.
Din l-iskeda tal-ħlasijiet ġiet approvata.

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li fit-8 ta' Marzu 2019 huwa kien attenda għal-laqgħa ma' Rappreżentanti mill-Ministeru għall-Ambjent, Żvilupp Sostenibbli u Tibdil fil-Klima u mill-Wasteserv Malta Ltd fil-Kunsill Lokali Għajnsielem rigward il-ġbir tal-iskart fil-lokalità.
Din hija l-iskeda proposta għax-Xlendi għax-xhur ta' Lulju, Awwissu u Settembru 2019 – nhar ta' Ħadd ser tinġabar il-borża s-sewda (skart imħallat), nhar ta' Tnejn ser jinġabru l-borża l-bajda (skart organiku) u l-borża s-sewda (skart imħallat), nhar ta' Tlieta ser jinġabru l-borża l-griża (skart riċiklabbli) u l-borża s-sewda (skart imħallat), nhar ta' Erbgħa ser jinġabru l-borża l-bajda (skart organiku) u l-borża s-sewda (skart imħallat), nhar ta' Ħamis ser tinġabar il-borża s-sewda (skart imħallat), nhar ta' Ġimgħa ser jinġabru l-borża l-bajda (skart organiku) u l-borża s-sewda (skart imħallat) u nhar ta' Sibt ser tinġabar il-borża s-sewda (skart imħallat). Mit-Tnejn sas-Sibt il-ġbir jibda fit-8.30 ta' filgħodu filwaqt li l-Ħadd jibda fit-3.00 ta' filgħaxija.
Għall-Munxar ser tiżdied ġabra *extra* għall-borża s-sewda (skart imħallat) nhar ta' Sibt fix-xhur ta' Lulju, Awwissu u Settembru 2019.
Is-Segretarju Eżekuttiv għandu jikkonferma dan it-tibdil propost fl-iskedi tal-ġbir ta' skart fil-lokalità sal-1 ta' April 2019.

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill ukoll illi sar *flyer* li ser jitqassam fil-Munxar u Ix-Xlendi dwar il-ħarġa għal Malta għal kulħadd li ser issir fl-10 ta' April 2019. Ser nitilqu mill-Pjazza tal-Knisja tal-Munxar fis-7.30 ta' filgħodu sabiex naqbdu l-vapur tat-8:15 ta' filgħodu. Il-ħarġa ser tkun imqassma hekk: l-ewwel waqfa ta' sagħtejn għax-*shopping* mill-Monti ta' Birkirkara, wara żjara lill-istatwa tar-Redentur fil-Bażilika tal-Isla, għas-1:30 ta' waranofsinhar naslu f'ristorant Marsascala għall-ikel u nilagħbu erbgħa tombla u wara mmorru lura lejn Għawdex. Il-Kunsill ser iħallas l-ispejjeż għat-trasport bil-*coach* u l-biljetti tal-vapur. Kull persuna ser tkun mitluba tħallas €10 għall-ikel. Min hu interessat għandu jċempel fil-Kunsill sat-8 ta' April 2019 f'nofsinhar.

**65.10 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

65.10.1 Il-laqgħa aġġornat fis-6:45 ta' filgħaxija. Il-Kunsill qabel li għandu jerġa' jiltaqa' nhar il-Ħamis, 25 ta' April 2019 fil-5.30 ta' filgħaxija.

**IFFIRMATA**

Anthony Grech
Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-Minuti ġew approvati fil-Laqgħa tal-Kunsill Nru 67-2019(25_04_19) li nżammet nhar il-Ħamis, 25 ta' April 2019.

**IFFIRMATA**

Sonja Abela
Sindku